MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2182/2002

**Mile End Services Limited**

**Vs**

**Simon Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm383.29), bilanc dovut sal-lum minn somma akbar in konnessjoni ma’ xogholijiet ta’ tiswija ta’ vettura u bejgh ta’ accessorji (spare parts) ghall-istess vettura.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Luigi Sansone in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm383.29), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**